**Minuti tal-439 laqgħa tal-Kunsill li saret
nhar it-Tnejn, 29 ta' Settembru, 2014**

Il-laqgħa bdiet fis-6.45 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

Item 1 – Attendenza u Apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur John J Pace, is-Sur Brian Spiteri, is-Sur Joseph Agius (is-Sway), is-Sur Joseph Bonnici, is-Sur Joseph Agius, s-Sur Joseph Vella u s-Sinjura Anna Calleja.

Is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa fis-7.05 ta' filgħaxija.

Preżenti għal-laqgħa kienet ukoll l-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil.

Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti

Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fit-tielet paragrafu ta' paġna 174, u minflok il-kliem "Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet irċeviet ilmenti li quddiem ir-residenzi numru 35, 35A u 35B fi Triq il-Kunvent kien qed iżomm ħafna ilma tax-xita" jitniżżel il-kliem "Is-Sinjura Anna Calleja qalet li kienet irċeviet ilmenti li quddiem ir-residenzi numru 35, 35A u 35B fi Triq Felice kien qed iżomm ħafna ilma tax-xita"

Il-minuti tal-438 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 1 ta' Settembru, 2014 ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku.

Item 3 - Punti li joħorġu mill-Minuti

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk kienx iltaqa' l-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti sottomessi għal xogħol ta' manutenzjoni fi Triq Ħas-Sajjied. Is-Sindku qal illi l-Bord kien diġa ltaqa' u ser jerġa' jiltaqa' biex jagħmel l-konklużjonijiet tiegħu.

Is-Segretarju Eżekuttiv qal illi l-*Interviewing Board* ma kienx għamel l-intervisti lill-applikanti li kienu qed jirreġistraw taħt *Part* 2 mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-

Taħriġ peress illi żewġ persuni kienu applikaw u filwaqt li persuna m'attenditx għall-intervista, persuna oħra ma kelliex il-kwalifiki meħtieġa. Fil-konkluzjoni tiegħu l-Bord irrakomanda illi l-proċess tal-għażla ser jitkompla billi l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ tintalab tibgħat lista ta' persuni li qed jirreġistraw taħt *Part* 3 u li huma eleġibbli għal din il-vakanza.

Fis-7.05 ta' filgħaxija is-Sur Mark Grech daħal għal-laqgħa.

Is-Sindku talab sabiex l-ilmenti li jiġu mressqa mill-Kunsilliera jiġu rreġistrati fil-*front office* u mhux jingħataw direttament lill-ħaddiem tal-IPSL. B'hekk il-Kunsill ikun jista' jevalwa l-ilmenti li rċieva u jkun jista' jħejji bl-aħjar mod pjan ta' xogħol għaż-żmien li ġej.

Is-Sur Joseph Agius issekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li l-ilmenti jiġu ndirizzati b'dan il-mod.

Is-Sur Brian Spiteri staqsa jekk il-Kunsill kienx għamel talba mal-kumpanija IPSL sabiex jingħata aktar ħaddiema. Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien qed jitlob sabiex jinġiebu aktar ħaddiema tal-kumpanija IPSL imma kien ġie nfurmat illi ma kienx hemm ħaddiema disponibbli.

Il-Viċi-Sindku talab sabiex issir talba uffiċjali lill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura sabiex jiġu assenjati ħaddiema tal-*Public Works* mal-Kunsill.

Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi l-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ kienet infurmat lill-Kunsill illi s-Sur Dylan McKay kien ser jibda jaħdem bħala *handyman* mal-Kunsill taħt l-iskema *Community Work Scheme.*

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex tiġi rranġata l-*crash barrier* li hemm mal-ħajt tal-iskola fi Triq Tumas Dingli.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill jistax jagħmel talba għal aktar ħaddiema assenjati mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ peress illi s-Sinjorina Maria Sammut li kienet qed tagħmel xogħol ta' *clerk* mal-Kunsill taħt l-iskema *Community Work Scheme* kienet ser tieqaf.

Is-Sindku qal illi diġa kien kellem lic-*Chairman* tal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ u talbu li jintbgħatu aktar ħaddiema.

Item 4 – Korrispondenza

Inqrat ittra mibgħuta lis-Sindku mill-avukati Dr Michaela Muscat u Dr Alistair Facciol flimkien ma' petizzjoni mibgħuta mir-residenti ta' Triq Tumas Dingli fejn talbu lill-

Kunsill isib soluzzjoni għall-kwantita ta' ilma tax-xita, li waqt u wara kull maltempata, qiegħed jikkawża sitwazzjoni ta' għargħar.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir applikazzjoni bħala talba għal permess minn Transport Malta sabiex isiru *road humps* fi Triq Tumas Dingli kantuniera ma' Triq is-Santwarju. Dan sabiex jonqos l-ilma tax-xita li qiegħed jidħol minn Triq is-Santwarju għal Triq Tumas Dingli.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sinjura Therese Piscopo mill-*Primary Health Care* fejn talbet sabiex issir laqgħa mal-Kunsill sabiex jiġi diskuss rikostruzzjoni tal-Berġa f'Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mis-Sur John Fenech *Chairman* tan-NASom fejn filwaqt li rringrazzja lill-Kunsill għas-sħubija mas-NASom, talab li jiltaqa` ma' rappreżentanti tal-Kunsill.

Is-Sur Joseph Bonnici qal illi waqt laqgħa li kellu flimkien mas-Sindku u mal-uffiċjali tan-NASom is-Sinjuri John Fenech u George Sinagra, ġie propost li tintbgħat ittra mill-Kunsill sabiex il-MEPA tesieġi dwar l-operat tal-funderija Hompesch Steel u l-inkonvenjenzi li qed jinħolqu riżultat tat-tħaddim ta' dan l-impjant.

Is-Sur Joseph Vella qal illi skont informazzjoni li għandu kienu ser jittieħdu miżuri fil-funderija Hompesch Steel sabiex jnaqqsu l-ħsejjes tal-funderija.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba għal ħinijiet imnaqqsa ta' xogħol (*reduced hours)* li saret mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjorina MaryRose Caruana. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Joseph Agius (is-Sway), il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata biex taħdem ħinijiet mnaqqsa tiġi aċċettata.

<u>Item 5 – Skeda tal-Pagamenti</u>

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2014 u d-29 ta' Settembru 2014 li kienet tammonta għal €57,766.56.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Lulju 2014 li kien jammonta għal €2.25 u l-*petty cash expenditure* għax-xahar t'Awwissu 2014 li kien jammonta għal €19.04.

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien talab sabiex isir żbir tas-siġar fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa peress illi kienu ta' periklu għas-sewwieqa imma sa llum is-siġar kienu għadhom ma nżabrux mill-*Environmental Landscapes Consortium Ltd.*

Item 6 – Rapporti tal-Udituri u Ittra ta’ Direzzjoni

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill ir-Rapport tal-Awditur għas-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta’ Diċembru 2013 flimkien mal-Ittra ta’ Direzzjoni u kopja tat-tweġiba għall-punti mqajma f’din l-ittra. Kopja ta’ dawn id-dokumenti ngħatat lil kull membru tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament ir-risposta għall-*Management Letter.*

Item 7 - Aġġudikazzjoni ta’ offerti

Ġbir ta’ Skart Domestiku (ZLC 1/2014)

Is-Sindku qal illi mill-erbgħa offerti mitfugħa għall-Ġbir ta’ Skart Domestiku kien hemm tlieta li skont il-kundizzjonijiet u r-rekwiżiti tal-kuntratt għandhom jiġu skwalifikati. Dawn il-kuntratturi huma s-Sur David Grech li kellu l-garanzija bankarja (*bid bond)* b’data ta’ għeluq anqas milli mitlub għalkemm wara ġeddidha għaż-żmien mitlub. Offerent ieħor, is-Sur Nicholas Casha, ta kopja ta’ dokumenti ta’ vetturi ta’ ġbir ta’ skart mhux kif stipulat fid-dokument ( EURO 4) pero niżżel li jekk jintgħażel huwa kien ser jixtri żewġ vetturi Euro 4/Euro 5. Il-kumpanija *WM Environmental Limited* issottomettiet kopji ta’ dokumenti maħruġa mill-MEPA pero waħda biss kienet iffirmata, l-kopji l-oħra ma kienx fihom firma. Is-Sinjuri David Grech, Nicholas Casha u l-Kumanpanija *WM Environmental Ltd* issottomettew *tag* maħruga mil-MEPA pero ma sottomettux l-ittra li normalment toħroġ ma’ din it-*tag*. Is-Sindku ssuġġerixxa li ma tiġi aċċettata l-ebda offerta għall-ġbir ta’ skart domestiku u tinħareġ sejħa ġdida peress illi bejn l-offerta valida u l-orħos offerta kien hemm differenza ta’ €106.55 kuljum.

Is-Sur Joseph Buttigieg staqsa fuq liema bażi ma kienetx ser tiġi aċċettata l-ebda offerta peress illi l-offerta tas-Sur Mifsud kienet valida.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill jista’ jirrifjuta kull offerta anke l-aktar waħda vantaġġuża.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li ma tiġi aċċetta l-ebda offerta u li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti u li tingħata kopja b’xejn lill-offerenti li ssottomettew l-offerta tagħhom.

Is-Sur Brian Spiteri staqsa jekk b’din id-deċiżjoni il-Kunsill kienx ser ikollu jirrifjuta l-offerti għal Ġbir ta’ Skart Domestiku jekk ikunu jammontaw għal aktar minn €330 kuljum. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li fis-sejħa l-ġdida għandu jiġi stipulat li jridu jintużaw żewġ trakkijiet tal-*scammel* u sitt ħaddiema biex is-servizz ikun wieħed effettiv.

Kostruzzjoni ta’ *underground bring in-site* fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti. (ZLC 2/2014)

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li ma jkomplix bil-proġett ta’ kostruzzjoni ta’ *underground bring in-site* fi Triq il-Pellegrinaġġ tar-Roti.

Resurfacing ta' Triq Ħas-Sajjied (ZLC 3/2014)

Is-Sindku qal illi l-Kumitat ta' Evalwazzjoni tal-Offerti għall-proġetti ko-finanzjati mill-Unjoni Ewropea għall-proġett ta' Ħas-Sajjied kien ser jiltaqa` fil-ġranet li ġejjin.

Item 8 - Il-Venda u t-Trasport Pubbliku fi Triq is-Santwarju

Is-Sur Joseph Buttigieg qal illi kien infurmat mill-Onorevoli Joe Mizzi, Ministru għat-Trasport u Infrastruttura li kienet qed diskussa l-possibilità li l-venda terġa' tibda tintuża.

Is-Sindku ressaq quddiem il-Kunsill tliet proposti għall-*bus stop* li hemm fi Triq is-Santwarju fil-viċinanzi ta' Triq Felice. Is-Sindku semma l-possibilita` li jitneħħew xi *parking bays* sabiex meta tieqaf il-karozza tal-linja fuq il-*bus stop* ma jinħoloqx konġezzjoni tat-traffiku. Alternattiva oħra tkun li *bus stop* jitressaq fil-viċinanzi tal-ħanut *Cellphone*. It-tielet *option* tkun li *bus stop* jitressaq fil-viċinanzi tal-Monument tal-ex President Agatha Barbara.

Is-Sur Mark Grech qal illi t-tielet *option* ma kienetx prattika peress illi kienet ser titwal id-distanza għall-*bus stop,* speċjalment għar-residenti li jkunu ġejjin mill-area tal-Ħofra.

Is-Sur Joseph Agius (Is-Sway) issuġġerixxa li li *bus stop* jitressaq fil-viċinanzi tal-ħanut *Cellphone.*

Is-Sur Mark Grech ippropona li l-Kunsill jistenna r-riforma tat-trasport mill-Ministeru għat-Trasport u Infrastruttura qabel ma tittieħed deċiżjoni finali. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament li jistenna l-esitu tar-riforma.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li tintbgħat ittra ta' ringrazzjament lill-Onorevoli Joe Mizzi talli bagħat ħaddiema sabiex jgħinu fit-tindif matul il-ġranet tal-festa.

Item 9 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Sindku ppropona li jibdew isiru laqgħat mal-pubbliku sabiex jiġu mressqa l-proposti tal-Kunsill u l-pubbliku jkun jista' jagħti l-opinjonijiet tiegħu. Is-Sindku qal illi dawn il-laqgħat għandhom isiru għal kull żona ta' Ħaż-Żabbar u jintużaw każini, swali tal-Kappillan jew jinkrew it-tined. Is-Sindku qal ukoll li għandhom jintbgħatu inviti b'messaġġ informattiv lir-residenti sabiex dawn jkunu jafu x'ser jiġi diskuss matul il-laqgħa.

L-Ambaxxatrici Lokali taż-Żgħażagħ is-Sinjorina Katrin Busuttil qalet li kienet lesta li toffri l-għajnuna tagħha sabiex tintuża s-sala li hemm fiċ-Ċentu Nazzareth f'Misraħ Qalbiena Maltin.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex meta jkunu ser isiru l-laqgħat mal-pubbliku jiġu mxandru avviżi fuq il-mezzi tar-radju u fil-Knisja.

Is-Sur Joseph Vella ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jiġu organizzati dawn il-laqgħat informattivi mar-residenti.

Is-Sindku qal illi kellu laqgħa mal-Kunsill Studenti Universitarji fejn ġiet diskussa l-possiblità li jsir proġett ta' tisbiħ fil-Masġar taż-Żebbuġ fi Triq il-Kunsill tal-Ewropa. Dan ix-xogħol ser isir flimkien mal-Università ta' Malta u l-Ministeru għall-Iżvilupp Sostenibbli, l-Ambjent u Tibdil fil-Klima u ser ikun jikkonsisti f'tindif, żbir, tħawwil ta' siġar, bini ta' ħitan tas-sejjieħ u xogħol ieħor ta' manutenzjoni. Is-Sindku qal illi dan il-proġett ser jipprova jsir bħala *Public Private Partnership*. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Vella, il-Kunsill qabel unanimament mal-kunċett ta' dan il-proġett.

Is-Sinjura Anna Calleja ssuġġeriet sabiex il-Kunsill jiltaqa` wkoll mas-Sinjura Mariangela Schembri Meli Eo li hija responsabbli mill-*Early Years* fid-Dipartiment tal-Edukazzjoni li għandha proposti għall-proġett tal-masġar għat-tfal tal-iskejjel biex dawn jkunu jistgħu jagħmlu esperjenzi f'ambjent naturali.

Is-Sur Joseph Bonnici ppropona sabiex fis-Sotto-kumitat għall-Ambjent / Restawr u Żvilupp Sostenibbli jidħol bħala membru is-Sur Daniel Tabone minflok is-Sur Alfred Pace.

Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Joseph Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li s-Sur Daniel Tabone jinħatar bħala membru ta' dan is-Sotto-kumitat.

Is-Sinjura Anna Calleja ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill persuni ġodda sabiex iservu bħala membri fis-Sotto-kumitat għall-Familja, Tfal u l-Promozzjoni tal-Ugwaljanza. Dawn il-persuni huma s-Sinjuri Daniela Pulis u Annmarie Schembri.

Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sinjura Anna Calleja u l-Kunsill qabel unanimament li dawn il-persuni jservu bħala membri f'dan is-Sotto-kumitat.

Is-Sur Joseph Agius ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill lista ta' persuni sabiex iservu bħala membri fis-Sotto-kumitat għall-Persuni b'Diżabilità u Inklużjoni Soċjali. Dawn il-persuni huma s-Sinjuri Pauline Farrugia, Alfred Portelli, Noel Aquilina u Lawrence JM Galea.

Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Joseph Agius u l-Kunsill qabel unanimament li dawn il-persuni jservu bħala membri f'dan is-Sotto-kumitat.

Is-Sur Joseph Vella ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill lista ta' persuni sabiex iservu bħala membri fis-Sotto-kumitat għar-Relazzjonijiet Internazzjonali u Fondi Ewropej. Dawn il-persuni huma s-Sinjuri Joseph Vella, Anthony Farrugia, Joseph Bonnici, Stephen Farrugia u Maria Camilleri.

Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Joseph Vella u l-Kunsill qabel unanimament li dawn il-persuni jservu bħala membri f'dan is-Sotto-kumitat.

Is-Sur Joseph Vella ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill lista ta' persuni sabiex iservu bħala membri fis-Sotto-kumitat Attivitajiet Kulturali u Sportivi. Dawn il-persuni huma s-Sinjuri JJ Aquilina, James Borg, Luke Dimech u Raymond Vassallo.

Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Joseph Vella u l-Kunsill qabel unanimament li dawn il-persuni jservu bħala membri f'dan is-Sotto-kumitat.

Dwar l-invoices imressqa quddiem il-Kunsill mis-Sindku relatati mal-attivita` T*he Malta International Food Festival*, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri il-Kunsill iddeċieda kif ġej : Il-ħlas mitlub mingħand is-Sinjuri Leslie Micallef u Thomas Spagnol li jammonta għal €80 lil kull persuna ma jsirx, peress illi l-Kunsill qatt ma kien infurmat dwar dan is-servizz. Il-ħlas mitlub mingħand Renato Micallef li jammonta għal €200 għandu isir. Il-ħlas mitlub mingħand il-proprjetarju tal-ħanut Fotoline li jammonta għal €640 għandu jitħallas.

Dwar l-attivitajiet tal-Karnival li saru aktar kmieni din is-sena il-Kunsill fuq proposta tas-Sur John J Pace li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Agius iddeċieda kif ġej : Il-ħlas mitlub mingħand il-Pulizija li jammonta għal €131.04 u mingħand *Gordon Express Entertainment* li jammonta għal €132.00 jitħallsu.

Dwar il-ħlas mitlub mingħand *Pitty Rent-A-Car* li jammonta għal €141.60 għat-trasport provdut għad-delegazzjoni Ċiniża, l-ammont mitlub mingħand Grezzju Azzopardi li jammonta għal €20 u l-ammont mitlub mis-Sur David Grech li jammonta għal €1,800 għal xogħol ta' tindif, il-Kunsill fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace qabel unanimament li għandhom jitħallsu.

Dwar il-ħlas mitlub mil-*Cleansing Directorate* li jammonta għal €600 għat-tindif ta' materjal fi Triq iċ-Ċawsli, l-ammont mitlub mill-kumpanija *TCTC* li jammonta għal €118.83 sabiex jitqassmu *leaflets* għall-IKIDS u l-ammont mitlub mis-Santwarju Madonna tal-Grazzja Paroċċa Ħaż-Żabbar li jammonta għal €100 għall-użu tas-sala għall-attivita` ta' l-*aerobics*, fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-ħlas ma jsirx peress illi l-Kunsill ma kienx infurmat dwarhom.

Is-Sur John J Pace staqsa f'hiex waslet l-applikazzjoni tal-Iskema dwar Inizjattivi Sportivi fil-Lokalitajiet peress illi kien avviċinat mis-Sur Robert Buhagiar rigward l-klassijiet tal-*aerobics*.

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jistenna li l-applikazzjoni tiġi proċessata u li jingħata risposta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Vella, il-Kunsill qabel unanimament li jorganizza l-klassijiet tal-*aerobics* matul ix-xahar t' Ottubru, 2014 peress illi wara dan il-perjodu l-Kunsill għandu jkun jaf jekk l-applikazzjoni tiegħu tkunx ġiet milqugħa.

Fid-9.15 ta' filgħaxija is-Sur Joseph Bonnici talab li jkun skużat.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex il-funtana tal-Għajn tal-Bhejjem timtela bl-ilma.

Is-Sindku qal illi l-Kunsill kien ser jissottometti applikazzjoni għal servizz ġdid tal-ilma fil-funtana tal-Għajn tal-Bhejjem.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab li tiġi rranġata bankina fi Triq il-Vittorja kantuniera ma' Triq Labour.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab ukoll sabiex jitħawwlu fjuri minflok il-*cactus* li hemm fic-*central strip* ta' Misraħ tal-Madonna Medjatriċi.

Is-Sur John J Pace talab sabiex issir tisqija fir-*roundabout* li saret riċentament fil-viċinanzi ta' Triq Bormla.

Is-Sur Joseph Buttigieg talab sabiex issir *zebra crossing* fi Triq il-Kunvent fil-viċinanzi ta' Triq San Lawrenz.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex isir *patching* fi Triq il-Qalb Imqaddsa bejn Triq Lia u Triq l-iskola.

Is-Sur Joseph Vella talab sabiex isiru *parking bays* fi Triq Agatha Barbara.

Il-laqgħa spiċċat fl-9.20 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-440 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 20 t' Ottubru, 2014.

Marc Vella Bonnici
Sindku